MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 498/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Grech)**
**Vs**

**Richard Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Dicembru, 2004 ghall-habta tas-2.30 p.m., bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur ta' vettura bin-numru FBM 791 ta'ghamla Fiat Punto li kienet ipparkjata fi Triq Gilormu Cassar il-Belt Valletta, liema delitt ma kienx gie ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu w dan bi ksur tal-artikolu 41(1)(a), 261(c), 263, 267 u 279(b) tal-Kapitlu 9 tal-ligjiet ta' Malta;

fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu arma irregolari (crow bar) u dan bi ksur tal-artikolu 64(2) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

fl-istess data, ghall-habta ta' 1.10 p.m., waqt li kien f'City Gate Shopping Complex, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u kliem oxxen u dan bi ksur tal-artikolu 338(bb), (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

fl-istess data, ghall-habta 1.10 p.m. waqt li kien f'City Gate Shopping Complex, hedded u nsulta bi kliem lil Melanie Lorraine Bezzina w dan bi ksur tal-artikolu 339(b)(d) u (e) tal-Kapitlu 9, tal-Ligjiet ta' Malta;

fit-2 ta' Dicembru, 2004 waqt li kien gewwa l-bini tal-Qorti l-Belt Valletta, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 414 T. Micallef ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b'hekk sar jitqies recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Dicembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c), 263, 267, 279(b), 38, 330, 95, 49, 50, 289, 17, 533, 31, 20 u 23 tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti w kwindi tilliberah skond il-ligi. Illi minghar pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza

appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-appellant ma kellux il-*mens rea* minnhabba l-pilloli li kien ha u x-xorb li kien xorob, tant li ma kienx f' pozizzjoni li jispjega x' ghamel u m'ghamilx. Li ma sarx uzu minn "arma irregolari". "Crow bar" ma tistax titqies bhala tali. Li l-appellant ghandu problema serja ta' drogi w ma kienx konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel. L-Ewwel Qorti wriet certa strettezza (Sic!) fl-interpretazzjoni tas-sitwazzjoni w jidher li kienet parzjalment influwenzata mill-fedina penali tieghu, mentri l-appellant ghandu bzonn ghajnuna effettiva w radikali w mhux li jigi karcerat.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat,

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda tentattiv ta' serq minn karozza pparkjata go Gilormu Cassar Avenue, il-Belt Valletta, proprjeta' ta' certu Steve Mallia fl-1 ta' Dicembru, 2004 ghall-habta tas-2.30 pm. Dan gie sfrattat meta kollega ta' Mallia fil-post fejn jahdem, certa Vanessa McDonald, meta dahlet fil-car taghha pparkjatha quddiem ta' Mallia, osservat movimenti suspettuzi da parti tal-appellant li kien ilu hemm minn x' hin kienet ipparkjat il-car taghha w li kien qed ihares gol-karozzi taghha w ta' Mallia. F' hinn minnhom anki deher jaqbad il-pum tal-bieba tal-karozza ta' Mallia b' certa forza. Meta rat hekk McDonald cemplet lill-Pulizija li gew fuq il-post u marru jigru wara l-appellant li kien sadattant qasam it-triq u nizel jigri lejn ic-Central Bank Ditch u ftit wara kienu nfurmawha li kienu qabdu lill-appellant.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li, ghamel x' ghamel, hu ma kienx jaf x' qed jaghmel ghax kien taht l-influwenza ta' xorb u xi pilloli Dalmane. Issa dan l-aggravju tal-appellant jista', fl-ahjar ipotesi ghalih, jakkampa ruhu fuq id-difiza tal-intossikazzjoni kontemplata fl-artikolu 34 (2) (a) u (b) tal-Kodici Kriminali. Bhala regola generali is-subartikolu (1) tal-artikolu 34 jiddisponi li s-sokor (li skond is-subartikolu (5) jitqies li jinkludi wkoll dak l-istat li jgibu n-narkotici jew id-drogi) ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali.

Pero' ghal din ir-regola generali, l-artikolu 34 jaghmel zewg ecezzjonijiet. Dawn huma jekk minnhabba s-sokor il-persuna akkuzata, ma kienetx kapaci li tifhem jew li jkollha l-volonta' **u kienet tinsab fi stat ta' sokor bla ma riedet hija, bl-eghmil doluz jew negligenti ta' persuna ohra, jew kienet fi stat ta' genn temporanjament jew xort' ohra fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas.**

Issa fil-kaz in ezami zgur li ma rrizultax li l-appellant, anki jekk kien verament fi stat ta' sokor, kien hekk bla ma ried hu w bl-eghmil doluz jew negligenti ta' xi persuna ohra. Ghalhekk l-ewwel ecezzjoni kontemplata fl-art. 34 (2) (a) zgur li ma tapplikax fil-kaz tieghu.

Lanqas ma gie pruvat, al menu sal-grad tal-probabbli rikjest mill-ligi, li l-appellant kien fi stat ta' genn temporanjament jew xort' ohra fil-hin li hu, wara certu hin jgharrex u josserva l-karozza ta' Mallia, pprova jiftahha billi jisforza l-pum tal-bieba taghha.

Inoltre, kif ben tajjeb osservat l-abbli Prosekutur Dottoressa Sant, ma tantx jidher li l-appellant ma kienx jaf x' qed jaghmel, ghaliex meta ntebah li kien qed jigi osservat mix-xhud Vanessa McDonald,  li kienet qed iccempel lill-Pulizija, l-appellant harab minn fuq il-post tad-delitt (fol. 37 tal-process). Inoltre jiftakar li ha hmistax il-pillola Dalmane fil-but u belaghhom u li kien xorob l-imbid.(fol. 102)  Jiftakar ukoll li kien spicca il-habs.

Ghalhekk fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti din il-linja ta' difiza ma tistax tirmexxi fic-cirkostanzi w konsegwentement dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-incident li gara ftit qabel fl-istess data ghall-habta tas-1.10 pm. gol-hanut Exotique, f' City Gate, il-Belt, fejn l-appellant skond is-*sales girl* Melanie Bezzina, kien deher ibaghbas il-locks tal-vetrini tal-hanut fuq barra b' hadida qiesha *"crow bar"* f' idejh u, apparti li beda joffendiha w jgharraha 'qahba', beda' jhabbat mall-hgieg tal-vetrini bl-istess hadida. L-appellant jikkontendi li din il-hadida jew *"crow bar"* ma hix arma irregolari.

Illi l-artikolu 64 (2) jiddefenixxi "armi irregolari" bhala armi, strumenti u l-ghodod ohra kollha li ma jitqiesux bhala armi, hlief meta fil-fatt jigu uzati ghall-offiza jew ghad-difiza. Li ma hemmx dubju li waqt li l-appellant kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b' ghajjat u bi glied u hedded u insolenta lil Melanie Bezzina hu kien fil-pussess ta' hadida. F' dan il-kontest ta' tahbit bil-hadida fuq il-hgieg tal-hanut, ingurji u ton minaccjanti, l-hadida in kwistjoni tista' tassumi l-kwalita' ta' arma irregolari. Pero' ma jirrizultax li l-pussess ta' "arma rregolari" *per se* huwa imputabbli bhala reat indipendenti, kif gie addebitat lill-appellant fit-tieni imputazzjoni. Di fatti, ebda wiehed mill-artikoli citati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma jirreferi ghal xi reat specifku ta' din ix-xorta. Ghalhekk dan ir-reat ma kellux jigi addebitat lill-appellant bhala reat *per se* u konsegwentement ma kellux jinstab hati tieghu. F' dan is-sens qed jigi milqugh dan l-aggravju.

Illi dwar il-piena, il-principju regolatur hu li l-Qorti tal-Appell normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn.) F' dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi.

Illi mbaghad mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li bejn is-sena 1989 u llum hu gie misjub hati ta' reati mill-Qrati mill-inqas tnax il-darba w fost dawn ir-reat kien hemm diversi kazijiet ta' serq aggravat ta' u minn vetturi, tentattivi ta' serq minn vetturi w bnadi ohra, pussess aggravat ta' droga eroina w reati ohra. Apparti, sentenzi ta' prigunerija sospizi, liberazzjonijiet b' kondizzjoni w multi, hu gie kundannat ghall-piena ta' prigunerija effettiva erba darbiet. Hu car li l-appellant jirraprezenta minaccja ghas-socjeta' w ghalhekk il-piena karcerarja kienet dik indikata fic-cirkostanzi.

Pero', peress li, kif intqal, l-appellant ma kellux jinstab hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu, mill-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ser tnaqqas xahar prigunerija, biex tirrifletti din id-decizjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w in kwantu ikkundannatu ghal sentejn prigunerija, w minnflok issibu mhux hati tal-istess imputazzjoni w tilliberah minnha w, fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba w tal-hames imputazzjoni w tal-addebitu tar-recidiva, tikkundanna lill-appellant ghal tlieta u ghoxrin (23) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------